**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN**

**26 ta' NOVEMBRU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Jospeh D'amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**32.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

32.1.1 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jibgħat reminder lill-Perit tat-TM għall-approvazzjoni tar-*round hump* fi Triq Zakkarija Ronkali.

32.1.2 Fir-rigward ta' punt 31.2.3 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jitlob stima lill-Perit Lewis tal-proposta li għamel biex titneħħa l-problema tal-għargħar fi Vjal l-Indipendenza.

32.1.3 Fir-rigward ta' punt 31.6.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li minħabba li l-fondi tal-UIF kienu mgħotija lill-Kunsill Lokali, waqt seduta tal-Kunsill ma kienx hemm qbil li l-fondi li ser jibqa' mill-proġett ta' Triq in-Nigret jintużaw mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fuq il-proġett ta' Triq Fra Ganmari Zammit imma għandu jkun il-Kunsill li jara fejn jutilizzhom.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv japplika għall-iskema li nħarġet permezz ta' Memo 45 'Skema ta' Finanzjament ta' Inzjattivi Speċjali 2013' fejn tista tingħata s-somma ta' massimu ta' €15,000 għall-proġett ta' Triq Fra Ganmarie Zammit.

Il-membru Joseph D'Amato staqsa fuq il-Fond EUC li f'seduti preċedenti ċ-Chairperson kien semma li l-KAB setgħa jieħu fondi minnhu biex isir il-proġett.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li tali fond li hu magħmlu minn fondi tal-EU, għal din is-sena ġie meħud u jinsab magħluq. Peress li l-Kumitat Amministrattiv ma kellux il-permessi meħtieġa ma setgħax japplika għalihom. Issa jerġa jiftaħ fis-sena li ġejja.

32.1.4 Kien hemm qbil li terġa tintbagħat *reminder* lil Koptasin biex isir ix-xogħol ordnat fi Triq Dun Nard Mallia.

32.1.5 Il-Minuti tas-seduta numru 31 ġew approvati.

## *32.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

32.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li resident fi Triq it-Tin qed jitlob ta' aktar dawl fit-triq fejn joqgħod u ffirma dikjarazzjoni li lest li jaċċetta li titwaħħal lampa ġdida mal-faċċata tar-residenza tiegħu.
Kien hemm qbil li tintbagħat it-talba għall-approvazzjoni tal-Enemalta.

32.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li s-Sur Tedesco offra l-orħos stima għaż-żewġ ornamenti tal-Milied u għalhekk ix-xogħol ġie mogħti lilu u dan ser ikun lest din il-ġimgħa.

Kien hemm qbil li tintbagħat l-ordni għal xogħol mingħand Camray Ltd, ta' żewġ ħofor oħra fi Triq ir-Rettur, biex jitwaħħlu dawn l-ornamenti.

Il-familja li toqgħod f'Dar Ġebel Katrin fi Triq ir-Rettur, aċċettat li l-ornament jitwaħħal quddiem ir-residenza tagħha.

32.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li 'Leħen Bubaqra' jinsab lest u ser jiġi mqassam fil-ġimgħa li ġejja.

## *32.3 Party tat-tfal tal-Milied*

32.3.1 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li l-poster tal-party tat-tfal tal-Milied ser ikun lest biex jitqassam fl-aħħar ta' din il-ġimgħa.

- Kien hemm qbil li bħala *drinks* lit-tfal jitqassmu pakket juice u 2 fliexken żgħar ilma.
- L-ikel mingħand Eurocaterers ser ikun dan:

Fancy cake, panini, sandwiches, pastizzi(rikotta u piżelli), pizza, sausage roll u chicken nuggets. Il-prezz normali hu ta' €2.40 u l-kumpanija raħħset il-prezz għal €1.80 kull persuna.

- Kien hemm qbil fuq dan.

- Kien hemm qbil li jsir avviż fuq il-party tal-Milied biex jinqara fil-kappella ta' Bubaqra.

- Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lis-Sorijiet tan-Nigret biex il-Kumitat Amministrattiv jistieden lit-tfal residenti magħhom, għall-party tal-Milied mingħajr ħlas.

- Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jikkomunika mal-iscouts biex jiġu persuni jagħtu l-għajnuna volontarja tagħhom ta' *first aiders* waqt il-party.

***32.4 Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet***

32.4.1 Iċ-Chairperson qal li wara l-aħħar seduta l-Kumitat irċieva żewġ applikazzjonijiet fuq inizjattiva ta' attivita' kulturali għas-sena 2013. Waħda mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM u l-oħra mingħand l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria.
Iż-Żewġ applikazzjonijiet intbagħtu lid-Dipartiment għall-approvazzjoni tiegħu.

***32.5 Xogħol pendenti u affarijiet oħra***

32.5.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li meta l-ħaddiema tal-IPSL jew tal-ETC jagħmlu xi xogħol tal-Kunsill jew tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għandhom jużaw il-*high lighted vest* u l-*cones* tal-Kunsill u dawn għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li kull meta jiġu mqabda biex jagħmlu xogħol mill-Kunsill jużaw il-*vest* u l-*cones*.
Kien hemm qbil fuq dan.

32.5.1 Il-membru Joseph Caruana staqsa f'hiex wasal ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-Imtali f'Bubaqra. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat jistaqsi

lid-Dipartiment ikkonċernat.

32.5.2 Il-membru Joseph Caruana qal li resident fi Triq ir-Rettur qiegħed kull darba jipparkja l-van tiegħu fuq l-*yellow line* bil-konsegwenza li l-Arriva qed ikollha tagħddi minn fuq it-*traffic island* u b'hekk qed issir il-ħsara.

Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-resident biex ma jibqax jostakola t-triq u jħalli aċċess għal-vetturi li jagħddu mill-istess triq.

32.5.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fi Triq Dun Salvatore Magri kien qed jinbena blokk flats li minħabba l-periklu sar *boundary wall* madwarhu. Issa li x-xogħol ta' bini jinsab lest, il-Kumitat Amministrattiv jista jobliga lis-sid ineħħi l-*boundary wall* biex il-bankina terġa ssir aċċessibbli għar-residenti.
Kien hemm qbil fuq dan.

32.5.4 Il-membru Annetto Bugeja qal li hemm bżonn li jsir *patching* fi Triq it-Torri.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

32.5.5 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li jsir *patching* fi Triq ta' Ciantar fil-parti ta' Bubaqra.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

32.5.6 Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Triq Santa Marija fil-parti d-dejqa li mill-Misraħ tieħdok għall-kappella hemm *double yellow line* li xi ħadd qiegħed dejjem inaqqas minnhu biex jipparkja l-vettura tiegħu, dan bil-konsegwenza li resident ieħor li għandu l-garaxx faċċata ta' dan il-*line* ma jkunx jista jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu minħabba li jkun hemm vetturi pparkjati.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li dan l-ilment għadda għandu wkoll u diġa ressqu lit-TM. Qal li l-Kumitat Amministrattiv jeħtieġ li jerġa jibgħat *reminder* fuq il-każ biex jitħaffef ix-xogħol.

32.5.7 Il-membru Joseph D'Amato qal li l-ħamrija li tinsab fit-*traffic island* ta' Triq San Martin tant hi ogħlja li meta jaħartu qed jaqa' minnha 'l barra.
Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jinforma lill-ELC fuq dan biex inaqqsu minnha.

32.5.8 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ssuġġeriet li l-

Kumitat Amministrattiv jorganizza l-ikla tal-Milied jew flimkien mal-membri tal-Kunsill jew bejn il-membri tal-Kumitat Amministrattiv biss.

Kien hemm qbil li l-ikla issir bejn il-membri tal-Kumitat Amministrattiv u li s-Segretarju Eżekuttiv tiġbor stimi ta' *dinne*r għal bidu ta' Jannar 2013.

***32.6 Appuntament għas-seduta li jmiss***

32.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

32.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' JANNAR, 2013.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |